# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Florinel Nitu**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Florinel Nitu**, numru tal-Karta tal-identita' 48895(A) fejn ġie mixli talli nhar is-26 ta' Mejju 2014 għall-ħabta tas-01:00, f'dawn il-Gżejjer, fi Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar :

(1) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza puubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-Awtorita kompetenti (PC158);

(2) ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Stoika Myleva hekk kif ċertifikat minn Dr. Simone Zammit MD reg. No. 3055 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Mosta;
(3) kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;
(4) volontarjament kiser il- paċi pubbliku u/jew il-bon ordni b'għajjat u/jew ġlied;
(5) li huwa reċidiv;

Rat li matul is-seduta tas-27 ta' Mejju 2014 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputat wieġeb li ma kellux oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 16 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, tenna li ma kienx ħati tal-ewwel imputazzjoni għalkemm kien ħati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjoni miġjuba kontrih (filwaqt li ma qal xejn relattivament għall-addebitu tar-reċidiva).

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li għalkemm l-imputat ammetta għat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, il-Qorti xorta waħda għaddiet biex tisma' l-provi dwar l-imputazzjonijiet kollha.

Kwantu għall-ewwel imputazzjoni jirriżulta li din hija dik taħt l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali. Dan ir-reat ikun integrat fir-rigward ta' : -

> **96.** Kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti

F'dan il-każ mix-xiehda ta' PC158 Joswar Grima jirriżulta li wara li daħlet id-denunzja dwar allegat inċidenti li fihom allegatament kien involut l-imputat huwa mar fuq il-post fi Triq il-Ħġejjeġ, San Pawl il-Baħar. Hemmhekk sab lil Florinel Nitu u staqsih jekk kellux xi inċident ma xi ħadd. Dan wieġbu li ma kellux inċidenti. Nitu kien jidher normali, għalkemm il-Pulizija innutat li kien hemm xi storbju ta' mużika ġej mir-residenza ta' Nitu tant li tatu struzzjonijiet biex ma jagħmilx storbju f'dawk il-ħinijiet. Meta PC158 kien qiegħed ikellem lil Nitu, dan

Nitu kien bilqegħda fuq siġġu quddiemu. Waqt li kien qigħed ikelmu PC158 Nitu qam bil-wieqfa minn fuq is-siġġu u xejjer daqqa ta' ponn fid-direzzjoni ta' PC158. Meta ra' hekk PC158 għamel pass lura u Nitu laqtu fuq spalltu x-xellugija. Kien hemmhekk li Nitu ġie infurmat li kien taħt arrest u ttieħed l-għassa tal-Pulizija.

Issa dwar meta dan ir-reat jiġi integrat, il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jgħid li min jagħmel l-azzjoni kkontemplata f'dan l-Artikolu jrid jaġixxi b'mod li jkun irid juri "insubordination" jew "defiance" li tkun immirata li tostakola l-eżekuzzjoni tal-Liġi jew t'ordnijiet ta' awtorita komptenti. Jgħid hekk : -

> It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ***Il-Pulizija vs Lawrence Attard*** deċiża mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :

> biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament

> qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95.

Issa f'dan il-każ jirriżulta li filwaqt li PC158 kien qiegħed ikellem u jistaqsi lil Nitu huwa kien qiegħed jaġixxi fil-kapaċita tiegħu ta' kuntistabbli tal-Pulizija u li mar fuq il-post sabiex jinvestiga każ li kien allegatament jinvolvi lill-istess Nitu. Huwa kien qiegħed jaġixxi fil-kapaċita tiegħu ta' Pulizija u waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu u fis-setgħa tiegħu li jinvestiga l-allegati kommissjoni ta' reati kriminali. Għall-ebda raġuni Nitu ma kellu juża l-ħebb jew forza kontra dan il-kuntistabbli waqt il-qadi ta' dmiru b'mod partikolari meta kien qiegħed jistaqsih dwar jekk kienx involut f'xi inċident u kien jidher li kien normali, bilqegħda fuq siġġu.

Kwantu għat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis li din ukoll ġiet soddisfaċentement ippruvata. F'paġna 13 tal-proċess, matul l-istqarrija tiegħu l-imputat jammetti li lil Stoika Myleva ta' daqtejn ta' ħarta (għalkemm jipprova jbenġilha billi jgħid li għamel dan għax dehret bajda). Mid-dokumentazzjoni eżibita jirriżulta wkoll li din Myleva sofriet xi offiżi fuq il-persuna tagħha li dehru li kienu ħfief. Biss meta xehdet, din Stoika Myleva dehret viżibilment skomda tixhed u fil-fatt użat parsimonja assoluta fuq il-fatti tal-każ.

Kwantu għar-reat kontravvenzjonali tal-ksur tal-paċi pubblika, il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset milli ġġib provi soddisfaċenti li permezz tagħhom tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li dan ir-reat kontravvenzjonali ġie legalment integrat.

Biss fir-rigward tar-reat kontravvenzjonali tal-ksur tal-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew b'mod ieħor, jirriżulta provat li l-Pulizija li marru fir-residenza ta' Nitu għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' filgħodu semgħu dawn il-ħsejjes ta' mużika tant li PC158 jixhed li huwa informawh biex kemm jista' jkun ma jagħmilx storbju dak il-ħin ta' matul il-lejl. Il-Qorti tqis dan ir-reat integrat.

Biss fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva, il-fedina penali fl-atti mhix biżżejjed biex tipprova r-reċidiva. Ma hemm ebda sentenza awtentikata li tixhed għar-reċidiva imputata lil Nitu.

# DECIDE :

li qegħda ssib lil imputat **Florinel Nitu** mhux ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena filwaqt li wara li rat l-Artikoli 17, 96(a), 221(1), 338(m), 338(dd) u 383 tal-Kodiċi Kriminali issibu ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u

tikkundannah għall-piena komplessiva ta' disa' xhur priġunerija flimkien ma' multa ta' erbat elef euro (€4000).

Inoltre wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Stoika Myleva qegħda torbot lil ħati, taħt l-obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena taħt penali ta' elfejn euro (€2000).

***Mogħtija illum it-28 t'Ottubru 2015, fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***